MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## ANTONIO MIZZI

Seduta tat-28 ta' April, 2015

Appell Kriminali Numru. 539/2013

Il-Pulizija

(Spettur James Grech)

vs

**Vincent Attard**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant/appellat Vincent Attard quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli mal-lejl bejn il-11 u t-12 ta' Ottubru, 2009, gewwa l-fond numru 109, Triq ir-Repubblika, Valletta, b'diversi atti maghmulin minnu li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi, u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

1. Bla ordni skont il-Ligi tal-awtorita' kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-Ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Carmel Muscat, detentur tal-karta tal-identita' numru 399674M, kontra l-volonta' tieghu u waqt illi kien qed jaghmel dan ikkaguna diversi offizi fuq il-persuna tal-istess Carmel Muscat, liema offizi gew maghmula jew saru flimkien ma' xorta' ta' torturi u/jew bil-hsieb ta' estorsjoni ta' flus jew hwejjeg ohra, jew biex persuna ohra tkun imgieghla taccetta li taghmel xi trasferiment ta' hwejjigha u dan bi ksur tal-Artikoli 86, 87(1)(c)(e) u 88tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Talli bil-hsieb illi jaghmel delitt ta’ offiza gravi fuq il-persuna ta’ Carmel Muscat, detentur tal-karta tal-identita’ numru 399674M, wera dan il-hsieb b’atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta’ tieghu, liema delitt kieku sar u dan bi ksur tal-Artikolu 41(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

3. Talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi, ikkommetta serq ta’ flus ta’ valur li ma jeccedix €232.94 ghad-detriment ta’ Carmel Muscat, detentur tal-karta tal-identita’ numru 399674M, liema serq sar flimkien ma’ offiza fuq il-persuna, ghalhekk jitqies aggravat bil-vjolenza u bil-hin;

4. Talli fl-istess zmien, lok, u cirkostanzi, bl-imgieba tieghu, ikkaguna lil Carmel Muscat, detentur tal-karta tal-identita’ numru 399674M, biza’ li ser tintuza vjolenza kontrih meta kien jaf jew missu kien jaf illi l-imgieba tieghu ser tikkaguna lil Carmel Muscat hekk jibza’ kull darba minn dawk l-okkazjonijiet u dan bi ksur tal-Artikolu 251B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

5. Talli fl-istess zmien u cirkostanzi, ikkaguna diversi offizi fuq il-persuna ta’ Carmel Muscat, detentur tal-karta tal-identita’ numru 399674M, liema offizi jitqiesu li huma hfief u dan bi ksur tal-Artikolu 221 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

6. Talli fl-istess zmien u cirkostanzi hebb kontra Carmel Muscat sabiex jingurjah, idejqu, u/jew jaghmillu hsara, u dan bi ksur tal-Artikolu 339(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

7. Talli fl-istess zmien u cirkostanzi, ingurja u/jew hedded lil Carmel Muscat, u dan bi ksur tal-Artikolu 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

8. Talli fl-istess zmien u cirkostanzi, kiser il-kondizzjoni mposta fuqu mill-Qorti tal-Magistrati ta’ Malta kif preseduta mill-Magistrat Dr A G Vella LL.D., nhar id-19 ta’ April, 2008;

9. Talli fl-istess zmien u cirkostanzi, Vincent Attard irrenda ruhu recidiv b'diversi sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati Malta, liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mhassra.

Il-Qorti giet mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini tal-Artikolu 412C fejn tipprojbixxi lill-imputat milli javvicina lil Carmel Muscat, detentur tal-karta ta' l-identita bin-numru 399674M, u ir-residenza tieghu kif ukoll il-post li tali persuna tiffrewenta.

F'kaz ta' htija l-Qorti giet mitluba biex tipprovdi ghas-sigurta' ta' Carmel Muscat, detentur tal-karta ta' l-identita bin-numru 399674M, ai termini tal-Artikolu 382A et seq. tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra li tapplika l-piena skont il-ligi, f'kaz ta' htija, tapplika wkoll l-Artikolu 533(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-20 ta' Novembru, 2013 fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 18, 86, u 87 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikoli 41(a), 216, 217, 218, u 221 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikoli 18, 261, 262, 270, 274, 275, 276, 276A, 277, u 281 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; l-Artikoli 18, 251, 251(A), 251(B), u 251(C) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; l-Artikoli 18 u 221 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; l-Artikoli 18 u 339 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; l-Artikoli 49, 50, u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; u l-Artikoli 7 u 21 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta sabet lill-imputat hati u kkundannatu erba' (4) snin piena karcerarja effettivi.

Rat ukoll l-Artikolu 382A, 383, 384, 385, u 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u ghamlet fil-konfront ta' Carmel Muscat Ordni ta' Protezzjoni u trazzin illi tibqa' ssehh ghal tlett (3) snin, u ai termini tal-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ipprojbixxiet lill-imputat milli b'xi mod jew iehor, jivvessa jew idejjaq lil Carmel Muscat ghal sena (1), u dan taht obbligazzjoni tieghu nnifsu ta' €2,300.00.
Illiberatu mill-effetti tal-Artikoli 7 u 22 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, in kwantu li mhumiex applikabbli.

Rat ir-rikors tal-appellant Vincent Attard minnu pprezentat fit-2 ta' Dicembru, 2013 fejn talab li din il-Qorti joghgobha tvarja s-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala
Qorti ta' Gudikatura Kriminali, per Magistrat Dr. Miriam Hayman LL.D., nhar 1-20 ta' Novembru 2013 billi, tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabitu hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu, tirriformaha f'dik il-parti fejn ikkundannat lill-esponent appellant ghal piena ta' erba (4) snin prigjunerija effettiva u tipprovdi ghal piena aktar mita u idoneja fic-cirkostanzi.

Rat l-aggravji tal-appellant Vincent Attard u cioe':-

Illi mill-ewwel jinghad li f'dan l-istadju, ghad li hemm inezattezzi u inkorrettezzi fattwali fid-deposizzjoni tax-xhud ewlieni u l-allegat vittma Carmel Muscat, l-esponent appellant mhuwiex ser ikun qieghed jikkontesta s-sejbien ta' htija permezz tal-appell tieghu izda ser jillimita ruhu biss ghal sottomisjonijiet dwar piena xierqa u idoneja fic-cirkostanzi partikolari tieghu.

Illi jirrizulta pjenament mis-social enquiry report li gie mhejji mill-Ufficjal talProbation s-Sur Ivan Sultana li l-hajja sa mill-bidu taghha kienet xi ftit jew wisq kiefra rna' l-imputat. Bhal ma gie spjegat ben tajjeb l-imputat effettivament kien qabad kumpanija xejn tajba sa min eta' tenera u sussegwentement kien ukoll prezenti ghal qtil doppju illi f'eta daqstant sensittiva, delitt li ndubjament xejn ma ghen l-izvilupp xieraq tal-forma mentis u l-attitudni xierqa u generali lejn ilhajja u lejn is-socjeta li ghandu l-appellant.

Illi per konsegwenza jinghad li l-appellant dahal f' cirku vizzjuz tad-droga bilkonsegwenzi tragici varji u hajja ta' kriminalita li ggib maghha l-istess tehid ta' droga.

Illi fic-cirkostanzi jigi rilevat ukoll illi l-esponent kellu problemi li jemergu minn familja bi problemi socjali kbar u li ghal din ir-raguni wkoll, l-istess familja tieghu ftit li xejn taghtu l-gwida necessarja sabiex jistrada ruhu kif imiss fil-hajja, b'mod specjali permezz ta' awtodixxiplina u reverenza lejn l-awtorita, elemeti li komplew jiddegeneraw mill-personalita tieghu permezz tat-tehid tad-droga.

Illi ghaldaqstant illum il-gurnata, issa li jidher li l-appellant qieghed jikkontrolla l-vizzju tieghu u jinsab motivat illi finalment jistrada l-hajja tieghu b'mod ahjar, il-piena, ghad li d-difiza tikkoncedi li ghandha tkun wahda karcerarja, ghandha, tkun wahda wkoll li sservi ta' nkoraggiment sabiex l-esponent jitghallem minn dak l-ghemil danneggjanti tieghu filwaqt li jibqa' hekk motivat u determinat li dawk il-passi posittivi li ghamel ikompli jsegwihom u eventwalment, jerga jintegra ruhu fis-socjeta'.

Illi ghandu jinghad ukoll li l-esponent illum jinsab fi stat kemm xejn vulnerabbli minhabba d-diversi konsegwenzi psikologici u fizici li qieghed isofri minnhom. Bizzejjed jinghad li l-imputat fil-prezent isofri minn ugieh ta' gebla severa u kif ukoll problemi psikjatrici serji, li ilu jsofri minnhom sa minn meta kien ghadu zghir hafna u cioe', minn meta kien prezenti ghal dan il-qtil doppju li, kif del resto jirrizulta mis-social enquiry report, kien ta' dannu kbir ghall-izvilupp
normali tal-karattru u l-psikologija tal-appellant.

Illi ghalhekk d-difiza umilment tissottometti illi jehtieg li din l-Onorabbli Qorti ssib il-bilanc bejn il-gustizzja u l-htiega li l-appellant jibqa' motivat sabiex ikompli jirriforma ruhu, sabiex f'l-ahhar mill-ahhar tibbenefika s-socjeta '.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fis-6 ta’ Dicembru, 2013 fejn talab lil din il-Qorti joghgobha tirriforma ssentenza appellata billi:

· tikkonfermaha f’dik il-parti fejn sabet lil Vincent Attard ħati tal-tieni (2), it-tielet (3), ir-raba’ (4), il-hames (5), is-sitt (6), is-seba’ (7) u d-disa’ (9) akkuzi miġjuba kontra tiegħu;
· tikkonfermaha ukoll fejn harget Ordni ta’ Protezzjoni fil-konfront ta’ Carmel Muscat ghal tliet (3) snin u Ordni ta’ Trazzin fil-konfront ta' Vincent Attard ghal tliet (3) snin u fejn ipprojbixxietu milli b’ xi mod idejjaq jew jivvessa lil Carmel Muscat ghal sena (1) u wkoll fejn rabtet lil Vincent Attard taht obligazzjoni tieghu nniffsu ta’ €2, 300 ghal dan il-ghan; tbiddilha u tvarjaha f’dik il-parti fejn sabet lil Vincent Attard hati tal-ewwel (1) akkuza b’ dana li filwaqt li tikkonferma s-sejbien ta’ htija ghal din l-akkuza fil-konfront ta’ Vincent Attard, tiddikjara li qieghdha ssibu hati wkoll taht l-Artikolu 88 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
· tbiddilha u tvarjaha billi tikkundanna lil Vincent Attard ukoll ghall-hlas tali spejjez tal-periti skond l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

· tħassarha fejn illiberat lil Vincent Attard mit-tmien (8) akkuza u konsegwentement in kwantu ghal din l-akkuza tiddisponi minnha skont il-ligi;
· tħassarha f'dik il-parti koncernanti l-erogazzjoni tal-piena u konsegwentement tghaddi biex teroga l-piena idoneja kontra Vincent Attard skond il-ligi.

Rat l-aggravji tal-appellant Avukat Generali u cioe':-

1. **L-Artikolu 88 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta**

Illi l-Ewwel Onorabbli Qorti sabet lill-appellat hati taht l-ewwel akkuza dedotta kontrih u qalet hekk, "*Issib lill-imputat hati tal-ewwel (1) akkuza, u dan wara li rat l-Artikolu 18, 86 u 87 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, inkwantu ghas-sekwestru kif pruvat ta' Carmel Muscat".* Issa jirrizulta` li l-ewwel imputazzjoni fic-*charge sheet* kienet issemmi wkoll l-Artikolu 88 tal-Kapitolu 9 li jitratta torturi. Fil-fatt l-ewwel akkuza dedotta kontra l-appellat tinkorpora fiha s-sekwestru tal-persuna [Artikolu 86] bic-cirkostanzi aggravanti ta' meta dan ir-reat jigi kommess flimkien ma' offiza fuq il-persuna jew flimkien ma' theddid bil-mewt [Artikolu 87(1)(c)], meta jigi kommess bil-ħsieb ta' estorsjoni ta' flus jew ħwejjeġ oħra [Artikolu 87(1)(e)] u finalment, **meta l-offiza li tkun giet ikkagunata lil dik il-persuna waqt li tkun sekwestrata issir flimkien ma' xi xorta ta' torturi fuq dik l-istess persuna [Artikolu 88]**.

Illi minn semplici qari kemm tal-imputazzjonijiet li nhargu originarjament fic-*charge sheet* kontra l-imputat appellat meta huwa tressaq quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati u kif ukoll tal-artikoli tal-ligi partikolari ndikati mill-Avukat Generali permezz tan-nota ta' rinviju ghall-gudizzju (fol.278), ghandu jirrizulta' *ictu oculi* lil din l-Onorabbli Qorti li l-appellat kien qieghed jigi akkuzat ukoll ai termini tal-Artikolu 88 tal-Kapitolu 9 fuq riferit.

Illi huwa car li dan huwa biss *lapsus calami* u l-ewwel Onorabbli Qorti **riedet issib lill-akkuzat appellat hati wkoll taht l-Artikolu 88** izda ghal xi raguni dan sfuggielha bil-konsegwenza li dan l-artikolu tal-ligi la ssemma' fid-*decide* u lanqas gie meqjus fl-ikkalibrar tal-piena li nghatat. Ma huwiex il-kaz li l-ewwel Qorti ma deherilhiex li kellha ssib lill-akkuzat appellat hati taht l-Artikolu 88 u ghalhekk *di proposito* ma semmietx dan l-artikolu tal-ligi u konsegwentement lanqas ikkalibrat il-piena skont dak dispost fl-istess Artikolu 88 u dan ghar-raguni li ser tinghata.

Illi tul is-sentenza l-ewwel Onorabbli Qorti konsistentement tiddikjara li ma ghandha l-ebda dubju dwar il-fatti kif sehhew u dwar it-tortura li sofra l-vittma Carmel Muscat taht idejn l-akkuzat appellat. Fil-fatt il-kelma '*tortura*' fid-diversi varjazzjonijiet grammatikali taghha tissemma ripetutament tul is-sentenza. Fil-*konsiderandi* taghha l-ewwel Onorabbli Qorti immedjatament tirrimarka hekk:

"*Illi l-Qorti frankament ftit ghandha dubbju dwar il-kredibilita ta' dak illi ghadda Carmel Muscat. Apparti x-xhieda bla tlaqlieq tal-istess Muscat, dan gie kkorraborat anke minn xhud okulari Jason Caruana. Kienu cari t-tnejn fil-konfront ta' dak li ghadda minnu dan Muscat minn idejn Attard. Ftit fil-fehma ta' din il-Qorti kien konvincenti f' dak illi qal l-imputat fl-istqarrija tieghu, karatterizzata b' xejn inqas minn tgerfix kbir ta' kif Carmel Muscat spicca mwegga' u **ttorturat.** Jasal anke biex irid illi jitwemmen, illi fil-fatt Muscat minn jeddu qaghad ghandu lejl imsakkar fit-toilet ma' Jason Caruana l-Killer*" [sottolinear tal-esponent].

Illi fid-*decide* taghha fis-sentenza appellata mbaghad l-ewwel Qorti tghid:

"*Dwar il-piena, ikkunsidrat dak kollu li ghamel l-attur b' mod ta' kattiverja assoluta lil Muscat, **sahansittra ttorturah ghal lejl shih**, considerando anke li hu ricediv, u tikkundannah ghal piena karcerarja ta' erba' (4) snin effettivi*" [sottolinear tal-esponent].

Illi ma ghandu jibqa' l-ebda dubju dwar jekk l-ewwel Qorti kenitx qieghdha ssib htija dwar it-tortura. Huwa risaput li meta jigri xi haga simili, qorti ta' revizjoni bhal ma hija din l-Onorabbli Qorti tista' tislet x'kien il-hsieb tal-qorti fil-prim' istanza mill-kunsiderazzjonijiet l-ohra kollha li jkunu gew maghmula fil-bqija tas-sentenza[1].

**2. Piena taht il-*minimum* stabbilit**

Illi t-tieni aggravju tal-esponent huwa strettament marbut mal-ewwel aggravju. Ladarba din l-Onorabbli Qorti tkun konvinta dwar dak espost fl-ewwel aggravju, ghandu jirrizulta` wkoll lil din l-Onorabbli Qorti li l-piena li giet erogata, minhabba x-xorti jew in-natura taghha hija taht

[1] Ara per ezempju ***Pulizija vs. Jeffrey J. Brincat et.*** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-22 ta' Awwissu, 2007.

il-*minimum* preskritt mil-ligi u konsegwentement mhux entro l-parametri tal-istess u dan ghar-ragunijiet li ser isegwu.

Illi l-Artikolu 88 jgholli l-pieni ghas-sekwestru tal-persuna meta, dejjem fl-ambitu tas-sekwestru tal-persuna, dik l-offiza fuq il-persuna tkun giet maghmula jew issir flimkien ma' xi xorta ta' torturi. L-istess disposizzjoni tal-ligi in effetti tistipola piena ta' priġunerija għal żmien ***minn erba' snin*** sa' sitt snin. F' dan il-kaz izda l-akkuzat appellat nghata piena *komplessiva* (li allura tinkludi diversi akkuzi ohra li taghhom nstabet htija) ta' erba' snin prigunerija.

Illi l-ewwel Onorabbli Qorti deherilha, gustament, li kellha ssib htija fil-maggoranza tal-akkuzi[2] minhabba li kollha kienu jirrizultaw. Ghalhekk mid-*decide* huwa car li minbarra l-ewwel (1) akkuza, nstabet htija wkoll ta' dawn l-akkuzi: it-tieni (2) [attentat ta' ferita gravi fuq Carmel Muscat], it-tielet (3) [serq ta' flus kif ikkwalifikat u serq tac-cavetta tal-karozza ta' Carmel Muscat], ir-raba' (4) [talli kkaguna lil Carmel Muscat biza' li ser tintuza' vjolenza kontrih], il-hames (5) [talli kkaguna lil Carmel Muscat feriti hfief - din giet assorbita fit-tieni akkuza], is-sitt (6) u s-seba' (7) akkuzi [talli hebb ghal Carmel Muscat u talli ngurjah u heddu] u d-disa' (9) li kienet l-addebitu tar-recidiva. Jidher li l-ewwel Qorti kienet qieghdha tinkorpora wkoll ir-reat kontinwat ghall-maggoranza tal-akkuzi u dan kif jidher bic-car mill-istess sentenza.

Illi ghalhekk, minghajr hafna kalkulazzjonijiet matematici, huwa palezi li l-piena moghtija mill-ewwel Onorabbli Qorti hija manifestament barra mill-parametri stabbiliti mil-ligi penali. L-ewwel Qorti marret ferm taht il-*minimum* fil-*quantum* tal-piena meta tikkunsidera li kellek l-ewwel akkuza li wahedha tinkorri piena minima ta' erba' snin prigunerija f'kaz ta' htija, kif fil-fatt gara', u in aggiunta kellek varji akkuzi ohra (uhud minnhom ta' certu portata) li taghhom instabet htija wkoll, iktar u iktar meta l-akkuzat appellat instab hati wkoll li huwa recidiv!

---

[2] Bl-eccezzjoni tat-tmien (8) akkuza li titratta l-ksur tal-*conditional discharge*. Din tal-ahhar kienet l-unika akkuza li l-ewwel Qorti ma sabitx htija taghha u umilment jigi sottomess li l-esponent anke fuq dan il-punt ma huwiex qieghed jaqbel mal-ewwel Qorti, izda dan ser ikun il-mertu ta' aggravju iehor separat f' dan l-umli rikors tal-appell.

Illi l-esponent umilment jissottometti li din l-Onorabbli Qorti ma ghandu jkollha l-ebda dubju li l-ewwel Onorabbli Qorti, bir-rispett kollu lejha dovut, erogat piena li hija manifestament kontra l-ligi u li setghet tinghata biss li kieku gie applikat l-Artikolu 21 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, li ma kienx il-kaz, u ghaldaqstant din il-piena ghandha tigi revizjonata u mizjuda skont il-ligi u skont ma jidhrilha xieraq fis-sapjenza taghha din l-Onorabbli Qorti.

3. **<u>Il-ksur tal-*conditional discharge*</u>**

Illi t-tielet aggravju huwa separat u distint minn dawk ta' qablu u jitratta strettament mat-tmien (8) akkuza u cioe` il-ksur tal-*conditional discharge* li kienet giet imposta fuq l-akkuzat appellat permezz ta' sentenza tal-Qorti tal-Magistrati ta' Malta per Magistrat Anthony Vella fid-19 ta' April 2008. Din kienet nghatat ghal perjodu ta' tliet (3) snin skont ma jirrizulta' kemm mill-fedina penali tal-appellat (fol.17) u kif ukoll mis-sentenza stess li giet esibita (fol.117).

Illi inoltre` jirrizulta` li l-prova necessarja, dik rikjedenti l-identifikazzjoni tal-persuna li fil-konfront taghha tkun nghatat is-sentenza precedenti, saret ukoll u proprju mill-Ispettur James Grech minhabba li huwa nzerta kien ukoll l-Ufficjal Prosekutur f'dawk il-proceduri precedenti kontra l-istess Vincent Attard (fol.116).

Illi f'dawn l-estremi l-esponent proprju ma jistax jifhem ghalfejn l-ewwel Onorabbli Qorti, fl-ahhar nett tas-sentenza appellata deherilha li kellha tillibera lill-akkuzat appellat u ddikjarat li kienet qieghdha:

"*Tilliberah mill-effetti tal-Artikoli 7 u 22 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, in kwantu li mhumix applikabbli*".

Illi l-Artikoli 7 u 22 *tal-Kapitolu 9* fil-fatt mhumiex applikabbli. Huma l-Artikoli 7 u 22 *tal-Kapitolu 446* li huma applikabbli f' dan il-kaz u li fil-fatt gew indikati fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju (fol.278). Abbazi tal-imputazzjoni originali u wkoll tal-artikoli tal-ligi ndikati mill-Avukat Generali ghalhekk kellha mhux biss tinstab htija, izda wkoll, in vista anki tal-gurisprudenza in materja, l-ewwel Qorti kienet obbligata li tittratta mal-akkuzat appellat skont kif jipprovdi l-Artikolu 23(1)(a) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta li huwa

awtomatikament applikabbli meta jigi determinat li kien hemm ksur tal-*conditional discharge*.

Illi disposizzjoni sostanzjalment simili ghal dan l-Artikolu 23(1) tal-Kapitolu 446 kienet tezisti fl-Artikolu 10(1) tal-Kapitolu 152, liema Kapitolu huwa llum abrogat, u sostitwit bil-Kapitolu 446. L-Artikolu 10(1) tal-Kapitolu 152 kien gie interpretat fis-sentenza ***Pulizija vs. Andrew Buhagiar*** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-16 ta' Gunju 1999, fejn gie ritenut illi:

"*L-uzu tal-kelma sottolineata "tista" – "may" fit-test ingliz – ma jfissirx li dik il-Qorti ghandha xi ghazla fis-sens li tista' tittratta ma' dik il-persuna u tista' ma titrattax maghha, kif donnu ried ifisser l-abbli difensur tal-appellat. Il-Kapitolu 152, infatti, anqas biss jikkontempla l-possibilita li dik il-Qorti taghzel li ma titrattax mal-persuna li tkun kisret l-ordni ta' probation jew ta' liberazzjoni taht kondizzjoni. Il-kelma "tista'" f'dan il-kuntest tfisser biss li dik il-qorti jkollha s-__**setgha**__ li tittratta ma' dik il-persuna bl-istess mod daqs li kieku dik il-persuna tkun ghadha kif giet misjuba hatja quddiem dik il-qorti. Ghalhekk, kemm fil-paragrafu (b) tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 10, kif ukoll fil-paragrafu (a) tal-istess subartikolu, il-kelma "tista" fl-espressjoni 'tista' tittratta ma' dik il-persuna' tfisser li l-qorti li tkun __**ghandha**__ tittratta ma' dik il-persuna.*[3]" (sottolinear fl-original).

4. __**Il-hlas tal-ispejjeż tal-periti**__

Illi finalment, anke ir-raba' u l-ahhar aggravju tal-esponent huwa separat u distint mill-aggravji precedenti u dan jirrigwarda strettament il-fatt li l-ewwel Onorabbli Qorti, wara s-sejbien ta' htija fil-konfront tal-akkuzat appellat, naqset milli tikkundannah ukoll ghall-hlas tal-ispejjeż kollha jew ta' parti mill-ispejjeż li kellhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri, inklużi dawk tal-esperti li jkunu ġew maħtura fl-istadju tal-proċess verbal tal-inkjesta.

[3] Ara fl-istess sens is-sentenza ***Pulizija v. Raymond Callus*** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-10 ta' Dicembru 2001.

Illi fil-fatt, anke f'dan il-kaz, fic-*charge sheet* kienet diga` saret talba f' dan is-sens mal-imputazzjonijiet originali u kien hemm ukoll l-artikolu rilevanti tal-ligi ndikat mill-Avukat Generali fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju u cioe` l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 (fol.278).

Illi ghalhekk l-ewwel Qorti ma kellha l-ebda raguni ghalfejn ma tikkundanna lill-hati ghall-hlas ta' dawn l-ispejjez jew parti minnhom, iktar u iktar meta f'dan il-kaz kien hemm multitudni ta' esperti tal-Qorti li gew mahtura u nghataw x'inkarigu u espletawh, kemm fl-istadju tal-proċess verbal tal-inkjesta u kemm ukoll fil-kompilazzjoni tal-provi proprja, kif ghandu facilment jirrizulta` ghas-sodisfazzjon ta' din l-Onorabbli Qorti mill-atti processwali.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant/appellat ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi hu principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezeament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghal konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tibbdilx id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi maghmula mill-ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit ta' l-istess biex tara jekk l-ewwel Qorti kinitx ragonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura dik tkun raguni valida, sabiex tbiddel dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.
F'dan il-kuntest wiehed jista' jara s-segwenti sentenzi:
Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi deciza fl-14 ta' Frar, 1989;
Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace deciza fil-31 ta' Mejju, 1991;
Il-Pulizija v. Raymond Psaila u Edward Ellul deciza fit-12 ta' Mejju, 1994;
Il-Pulizija v. Amadeo Brincat u Martin Dimech deciza fis-6 ta' Gunju, 1994;
Il-Pulizija v. Carmelo Schembri deciza fit-28 ta' April, 1995;
Il-Pulizija v. Ezzawi Mehemed deciza fit-3 ta' Novembru, 1995; u

Il-Pulizija v. Giovanni sive John Micallef fit-18 ta' Marzu, 2010;
kollha appelli kriminali.

L-ewwel li se jigi kunsidrat hu l-appell li interpona Vincent Attard.

Illi l-appellant Vincent Attard mhux qed jikkontesta s-sejbien ta' htija izda qed jillimita ruhu biss dwar il-piena erogata mill-ewwel Qorti. L-argument in sostenn tat-tezi tieghu hu li mis-'social enquiry report' tohrog stampa li turi kif l-appellant hu persuna vulnerabbli minhabba l-fatt li minn ckunitu kellu problemi serji fil-familja minn missier li qatt ma kien prezenti f'hajtu ghall-kumpanija li hu beda jiffrekwenta, billi hu kien ighix fit-triq u mhux migbur u indukrat kif suppost.

Illi jirrizulta li l-appellant ghandu problema ta' droga li minhabba fih nibet problema ta' kriminalita' kif jirrizulta mill-fedina penali tieghu.

Illi din il-Qorti tissimpatizza mal-appellant dwar il-problemi li hu ghandu u li qed jipprova jeghleb. Izda kif gie preliminarjament spejegat mhiex prattika ta' din il-Qorti li tiddisturba l-piena erogata mill-ewwel Qorti meta dik il-Qorti setghet waslet ragonevolment u legalment ghall-konkluzjoni taghha. Fil-fatt, il-piena erogata hi wahda miti hafna u fil-fatt dan il-punt ghandu jigi risolt meta din il-Qorti tghaddi biex tanalizza l-piena li skont l-Avukat Generali mhiex wahda ideoneja skont il-kaz in ezami.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet tichad l-appell interpost minn Vincent Attard.

Illi issa din il-Qorti ser tghaddi biex tanalizza l-appell interpost mill-Avukat Generali.

Illi l-ewwel aggravju tal-Avukat Generali jikkonsisti fil-fatt li l-ewwel Qorti ghalkemm sabet lill-appellat Vincent Attard hati tal-ewwel akkuza migjuba kontra tieghu naqset li tindika l-artikolu relevanti. Hu ndika li l-artikolu mhux indikat hu l-artikolu 88 tal-Kodici Kriminali li jindika li jekk l-offiza tkun saret fuq il-persuna a tenur tal-artikolu 87(c):
"jekk il-persuna arrestata, mizmuma jew issekwestrata, tkun giet offiza fuq il-persuna jew imhedda bil-mewt"
U hemm l-aggravanti tat-tortura allura l-piena ghandha tkun ta' prigunerija ghal zmien minn erba' snin sa sitt snin.

L-Avukat Generali, appellant, jikkontendi li mill-'charge sheet' kif ukoll mill-artikoli ndikati mill-istess Avukat Generali dan l-artikoli partikolari jissemma.  L-ewwel Qorti ghamlet referenza partikolari ghall-aspett tat-tortura u fil-fatt sabitu hati ta' dan ir-reat izda bi zvista ma ndikatx dan l-artikolu partikolari tal-Kodici Kriminali.

Illi jidher car li l-ewwel Qorti kienet cara hafna fl-espozizzjoni taghha li l-vitma ta' dan ir-reat gie torturat u ghalhekk hu car ukoll li n-nuqqas ta' ndikazzjoni ta' dan l-artikolu hu frott ta' zball.

Illi ghalhekk hu car li l-aggravju tal-Avukat Generali ghandu jigi milqugh.

Illi t-tieni aggravju tal-Avukat Generali, appellant, jirrigwarda l-piena erogata mill-ewwel Qorti li hi taht il-minimu stabbilit mill-ligi.  Illi konsegwenza tal-ewwel aggravju li gie milqugh jirrizulta li l-piena erogata fuq l-ewwel akkuza ghandha tkun minn minimu ta' erba' snin sa massimu ta' sitt snin.  Fil-fatt, l-ewwel Qorti erogat piena ta' erba' snin.  Li kieku, l-appellat ikkometta dak ir-reat biss l-ewwel Qorti kienet tkun fil-parametri tal-ligi dwar il-piena erogata.  Madanakollu, jirrizulta li l-appellat gie akkuzat b'sensiela ta' reat ohra li nstab hati, inkluz l-fatt li nstab li hu recidiv.  Ghalhekk, il-piena erogata mill-ewwel Qorti hi barra mill-parametri tal-ligi.

Illi fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz ma hemx hafna xi tghid u jidher car li l-ewwel Qorti erogata piena mita hafna li tmur barra l-parametri mposti mill-ligi.

Illi ghalhekk, dan l-aggravju tal-Avukat Generali ghandu jigi milqugh.

Illi t-tielet aggravju tal-Avukat Generali, appellanti jirrigwada l-ksur tal-'conditional discharge' li kienet imposta fuq l-akkuzat appellat permezz ta' sentenza tal-Qorti tal-Magistrati bis-sentenza taghha tad-19 ta' April, 2008 fejn kien inghata l-'conditional discharge' ghal perjodu ta' tlett snin.

Illi l-prova ta' l-identita' dwar din is-sentenza saret regolarment u jidher li l-ewwel Qorti enunzjat hazin l-artikoli tal-Ligi ghaliex indikat l-artikoli 7 u 22 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.  Fil-fatt il-ligi applikabbli ghal dawk iz-zewg artikoli hu l-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta kif gie ndikat fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju.

Illi ghalhekk, dan l-aggravju tal-Avukat Generali ghandu jigi milqugh.

Illi r-raba' aggravu tal-Avukat Generali, appellant, jirrigwarda l-fatt li l-ewwel Qorti naqset li l-imponi l-ispejjez ta' din il-kawza fuq l-akkuzat appellat.

Illi l-artikolu in kwistjoni hu l-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali u l-Avukat Generali kien indika dan l-artikolu partikolari meta ndika l-artikoli tal-ligi li l-akkuzat appellat kellu jirrispondi ghalihom. Jidher illi bi zvista l-ewwel Qorti naqset li tapplika dan l-artikolu partikolari.

Illi ghalhekk, dan l-aggravju tal-Avukat Generali ghandu jigi milqugh.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet din il-Qorti tordna l-inkluzjoni tal-artikolu 88 tal-Kodici Kriminali fost l-artikoli li jindikaw is-sejbien ta' htija dwar l-ewwel akkuza migjuba kontra l-appellant/appellat Vincent Attard. Rat l-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali u tikkundanna lill-appellant/appellat Vincent Attard li jhallas is-somma ta' tlett telef sitt mija u disgha u sittin euro u tmintax il-centesimu (€3,669.18) spejjez inkorsi fil-hatra ta' esperti. Tali somma ghandha tithallas fi zmien sena mil-lum u fin-nuqqas tigi konvertita f'perjodu ta' prigunerija skont il-ligi. Dwar it-tmien akkuza migjuba kontra l-appellant/appellat Vincent Attard thassar u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza fejn l-ewwel Qorti ma sabitux hati u minflok wara li rat l-artikoli 7 u 22 tal-Kapitlu 446 tal-Ligijiet ta' Malta issibu hati ta' din l-akkuza. Dwar il-piena erogata mill-ewwel Qorti thassar u tirrevoka l-piena ta' erba' snin prigunerija u minflok tikkundanna lill-appellant/appellat Vincent Attard ghal piena ta' hames snin u sitt xhur prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------